# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April 2001

**Numru : 40**
**Citaz. Numru : 473/01/RCP**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Supermaster Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' disgha u erbghin elf mitejn u tmienja lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (LM49,208.57), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha konsenjata u mhux imhallsa kif jidher mill-'statement' hawn annessa, u mmarkata 'Dokument A'.

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, izda baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1 . Tiddecciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u erbghin elf, mitejn u tmien lira Maltin u sebgha u hamsin

centezmu (LM49,208.57), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha konsenjata u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 823/01, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li r-rappresentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Michael Busuttil ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b’dan illi:

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u erbghin elf, mitejn u tmien lira Maltin u sebgha u hamsin

centezmu (LM49,208.57), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha konsenjata u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 823/01, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**24 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**24 t'April, 2001**